# FIS-SAKRA

Irrid ftit ieħor,
U la ġġibx ftit;
Imla sax-xifer
Il-bott bl-inbit.
U tieħu gost tarani nixxejjer,
Jew niżloq xi żelqa fit-tajn;
Minn ma ħajt ġej... ma' l-ieħor sejjer...
U żaqqi mimlija *port-wine*.
Klieb jiġru warajja,
Jigdmuli saqajja,
Nies bla mistħija
Jiddieħku bija;
Min jimbuttani,
Min jissuttani;
Imdawwar b'ġemgħa kbira,
Għoddhom għamluni ftira
X'waħdadin...
X'ħajja din...
Ma tistâx tkun ftit ferħan
Għax igħidulek l-int xurban!
Nies jitgerrbu ġo saqajja
Ġo saqajja
Kemm hi kiefra din il-ħajja!
Rasi ddur,
Iġri mmur
Id-dar
Id-dawl mar minn għajnejja,
U din l-għajja
Illi għandi f'riġlejja
Mnejn ġiet?
Nofrok, nixxejjer
Niżloq jien sejjer...
Norqod jien sejjer
Waħdi fid-dlam.

Karm DeBono.